Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u sebgħin (75) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) tal-10 ta' April, 2024 li nżammet fis-6.30pm fl-uffiċċju tal-Kunsill fi 30, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Janice Busuttil | Kunsillier* |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

* kienet on-line minħabba li għadu kif kellha tarbija u ma kellhiex min iżommielha

** tluq qabel tmiem is-seduta

| | | |
|---|---|---|
| Skużata: | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |

75.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza u ittra ta' apoloġija

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. Is-Segretarju qara l-e-mail, ittra ta' apoloġija, tas-Sa Doris Coleiro biex tkun skużata u din kienet skużata b'vot unanimu.

75.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħa u sebgħin (74).** — Minuti

Il-minuti tas-seduta erbgħa u sebgħin (74) kienu meħuda b'moqrija u kienu kkoreġġuti f'punt numru 74.10 u 74.15.04 biex irriflettew l-emendi proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-Sur Nazju Cassar rispettivament kif jidhru fuq il-kopja oriġinali. Dawn kienu proposti għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi-Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati b'vot unanimu.

75.02.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus irringrazzja lis-Segretarju Parlamentari, Dr Malcolm Paul Agius Galea tal-għajnuna li qed isib biex jitwettqu servizzi favur l-anzjani. Hu żied jgħid illi l-van tal-elettriku porprju llum ħaduh il-Ministeru tal-Anzjani biex dan ikun magħdud mal-flotta tas-*Silver T* skont il-ftehim li sar biex dawn jinstallawlu staffa u pum biex ikun jistgħu jużawh l-anzjani bla xkiel fi x'ħin jiġu biex jirkbu. F'dan il-punt is-Sur Rudolph Grima staqsa dwar każ partikulari fejn waħda mara qed titlob li jkollha aċċess biex tirkeb quddiem. Is-Sur Nazju Cassar, li kien iġorr (xufier) l-anzjani fil-passat qal li dan ma jistax isir minħabba sigurtà. — Van tal-Kunsill

75.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 357 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 76** — Ċedoli tal-pagamenti u tax-xiri


Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

Iċ-ċedoli tal-pagamenti u dik tax-xiri kienu approvati unanimament wara li kienu proposti u ssekondati mil-kunsillieri li isimhom jidher fuq il-kopja oriġinali u li kienet iffirmata waqt il-laqgħa.

75.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

75.04.01 Is-Sur Rudolph Grima staqsa għaliex għadu ma sarx ix-xogħol fuq iż-żebgħa tal-kliem imnaqqax fl-irħama tal-monument tar-Rabat li jinsab fil-Pjazza tal-Parroċċa. Is-SE qal li għad m'għandux l-isem ta' min se jwettaq dan ix-xogħol, l-istimi ta' tliet persuni u għaldaqstant ma setgħetx toħroġ l-ordni tax-xogħlijiet. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li għandna nippruvaw biex dan ix-xogħol isir mis-Sur Pawlu Mamo li kien qdiena meta inżebgħet l-irħama ta' Ġnien Bir Iljun. Irħama tal-Monument tar-Rabat

75.04.02 Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq l-edizzjoni tas-sena 2024 tar-Rabat Sacrum. Hu qal illi kellu laqgħa mas-Sur Duncan Caruana li huwa l-Maniġer tal-Kultura tar-Reġjun Punent. Rabat Sacrum

Imbagħad, is-Sur Rudolph Grima tkellem dwar il-ħlasijiet tas-servizz ta' *pageant* li sar mill-Għaqda Drammatika Rabat. Kien hemm qbil fil-Kunsill illi dan ikun ta' €450 peress li dawn għadhom ma tħallsux minn Settembru 2023 kif ukoll iridu jitħallsu s-Sagristan tal-Bażilika u l-Arċipriet talli ħadna d-dawl elettriku mingħandu biex inżamm il-kunċert mil-Banda tal-Pulizija.

Is-SE informa lill-KLR illi applikajna għall-fondi mill-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali għall-istess attività 2024 pero' irid joħroġ tender biex ma jkunx hemm problemi ta' *procurement* peress li issa din is-sena diġà nafu xi rridu mill-esperjenza tas-sena l-oħra, x'din tinvolvi.

75.04.03 Is-Sur Rudolph Grima staqsa fejn jonqos li jsiru il-*liftijiet* fil-Housing Estate ta' Għajn Qajjet. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus flimkien mal-Viċi Sindku qalu li għad fadal Block A u D. Min-naħa tal-Kunsill qed issir insistanza biex dawn ikunu kollha installati. Lifts fl-appartamenti ta' Għajn Qajjet

75.04.04 Is-Sur Rudolph Grima ippropona illi ssir sleeping policeman minħabba sewqan esaġerat fi Triq ta' Ħad-Dingli u Triq Santa Katerina (mhux tad-Daħla). Peress li dawn se jsiru fl-abitat, u jista' jkun hemm xi problema mar-residenti, is-SE qed jitlob illi jiffirmawlu no objection ir-residenti li se jkunu affettwati minnha: peress li dawn joħolqu storbju minn vetturi tqal li jgħaddu minn fuqhom. Intant, kunsillier qal illi il-problema tas-sewqan esaġerat hija evidenti anke fi Triq il-Katakombi li hija daqstant dejqa u saħansitra fi Triq il-Kbira li fiha tant ħwienet u nies jaqsmu. Sleeping policemen

75.04.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lill-kunsillieri sabiex il-KLR jisponsorja il-midalji lit-tim tar-Rabat Ajax ta' taħt il-15 u s-17-il sena waqt l-attività li hemm ippjanata għal nhar is-Sibt, 13 ta' April 2024 filgħaxija. Il-KLR ma kellu l-ebda' oġġezzjoni għal dan ir-rikonoxximent żgħir tas-suċċess tagħhom. Rabat Ajax Under 15 u 17

75.04.06 Is-Sur Norbert Grech semma' każ ta' siġar tal-*ficus* li kibru sproporzjonalment fi Triq Ġużeppi Caruana, tal-Virtù. Dawn is-siġar qed jagħmlu ħsara lil terzi u skont is-Sur Nazju Cassar u is-Sur Chris Farrugia, jidher li kien hemm permess biex jitħawwlu hemm mid-dipartiment tal-Agrikultura diversi snin ilu. Għaldaqstant se nottjenu dan il-permess ħalli naraw eżattament x'fih qabel naġixxu. Ficus fi Triq Ġużeppi Caruana

75.04.07 Is-Sur Norbert Grech staqsa dwar l-offerta pubblika tal-bandli tal-Baħrija. Is-SE qal illi din ingħatat lil kuntrattur li ħadu jara s-sit u fil-jiem li ġejjin se Baħrija



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

jagħmel il-garanzija, l-assikurazzjoni u jiffirma l-kuntratt biex ikun jista' jibda'. Pero' jidher li hemm DNO xi ssir min-naħa tagħna mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Dwar din il-komunità, is-Sur Norbert Grech talab ukoll li jsir *refreshing* taz-zebra crossing fejn Helen's Stationery fi Triq is-Sajf ta' San Martin.

75.04.08 Is-Sur Norbert Grech talab biex quddiem garage fi Triq Ħad Dingli jsir *double yellow line*. Il-kunsillieri l-oħra talbuħ sabiex jivverifika u jinforma lis-sid tal-garage jekk jaċċettax il-fatt li anke jekk jipparkja hu stess, jista' jieħu ċitazzjoni.

Double yellow Line fi Triq Ħad Dingli

75.04.09 Is-Sur Norbert Grech talab sabiex nitkellmu mal-Iskola tal-Baħrija, biex tibda' tinfetaħ l-Iskola wara l-ħin biex il-Baħrin igawdu mill-faċilitajiet sportivi. Dwar dan intqal illi wieħed irid isib kompromess biex jitħallas il-*caretaker.*

Skola tal-Baħrija.

75.04.10 Is-Sur Norbert Grech tkellem dwar il-bżonn li fejn it-Torri tan-Nadur isir *bus stop* ieħor. Dwar dan jidher li fil-passat kienet iddaħħlet applikazzjoni u se naraw f'hiex waslet.

Bus Stop fejn it-Torri tan-Nadur

75.04.11 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti ippropona li ssir *give way sign/road marking* fejn il-Forti ta' Binġemma, għax hemm periklu peress li kulħadd jibqa' għaddej għax jaħseb li għandu id-dritta.

Give Way fejn it-Torri ta' Binġemma

** Is-Sur Rudolph Grima telaq mil-laqgħa f'dan il-punt, fis-7.30pm.

75.05 **Uditjar tal-Kotba 2023**

Uditjar 2023

L-uditjar tal-kotba tas-sena 2023 għadu ma ntemmx wara li l-awditur żar l-uffiċċju tagħna tliet darbiet u staqsa ħafna mistoqsijiet lis-Segretarju Ezekuttiv fost affarijiet oħra dwar il-*procurement.* Dan il-proċess għadu għaddej.

75.06 **Biex tkun approvata talba lid-DLG sabiex minflok issir il-manutenzjoni tad-dwal; ta' Vjal Santu Wistin, issir il-manutenzjoni tad-dwal tal-parkeġġ ta' Wesgħet Anton Agius – Skema SPI/SCI/5/2023 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-applikazzjoni tas-sena 2023 fejn il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien applika u kkwalifika għall-iskema biex jinbidel id-dawl minn *uplighters* għal dwar fuq l-arbli ta' Vjal Santu Wistin. Dan ix-xogħol kien jinħtieġ taħfir ta' trinek minn kuntrattur li issa miet. Għaldaqstant biex nonoraw l-obbligu ta' din l-iskema applikajna mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex nibdlu s-sit u nwaħħlu dawn il-fanali fil-parkeġġ ta' Wesgħet il-Mużew. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku u d-Dipartiment se jkun infurmat b'dan.

Għall-iskema ta' din is-sena fuq murija, qed ikun propost mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus illi napplikaw xorta waħda għas-sit li kien oriġinalment magħżul fl-2023, jiġifieri fi Vjal Santu Wistin. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel ukoll unanimament ma' din il-proposta biex dan il-Vjal jerġa' jinxtehel b'dawl adekwat permezz ta' fanali dekorattivi. (Il-Kunsill approva unanimament.


Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

75.07 **PA7489/23 - Change of use from store to Class 4D establishment – Sit Għeriexem** PA7489/23

Is-SE dak il-ħin tal-laqgħa tella' fuq il-big screen ritratti tat-triq fejn qed jiġi propost dan l-iżvilupp fuq Għeriexem. Huwa qal illi l-ġurnata li fiha jintlaqgħu l-ilmenti diġa' għaddiet. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hu diġa' oġġezzjoni fuq il-mertu illi s-sit minkejja li jisab fejn ristorant ieħor, mhux idejali. Il-KLR se joġġezzjoni wkoll dwar dan l-iżvilupp għaliex jista' jkun hemm problemi mil-ġirien kif iddeskrivew fl-oġġezzjoni tagħhom li nqrat dak il-ħin tal-laqgħa.

75.08 **Aġġornament - Ġnien San Duminku** Ġnien San Duminku

Is-SE qal li l-programm tal-Interreg spiċċa f'Diċembru 2023. Is-sottomissjonijiet / talbiet għar-rinbors tagħna daħlu fil-ħin; t-talbiet tal-pagi tas-SE, ta' Roberta Galea tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-kuntrattur Coreworks u dawk tal-Mica Med, tad-dawl, irrigazzjoni, cctv, reċipjenti tal-iskart u l-bankijiet.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li kważi spiċċa ix-xogħol fil-Ġnien u fil-parti ta' fejn il-Kunvent ix-xogħol miexi b'ritmu tajjeb ħafna. Tressqet it-telefon box u tħejjiet is-sodda biex fiha jitpoġġew it-tankijiet tal-irrigazzjoni. Trid tinqasam it-triq biex isiru l-konnessjonijiet tal-ilma tal-irrigazzjoni u tal-elettriku tal-arbli tad-dawl. L-inawgurazzjoni tiegħu hija skedata għal Mejju 2024.

75.09 **Aġġornament - Binja tal-Kunsill** Binja tal-Kunsill

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-iżvilupp li sar fuq il-binja tal-Kunsill. Hu qal li fis-sular ta' fuq tpoġġa l-madum, qed isir il-partitions fit-toilet, wiring lest, beda jitwaħħal l-aluminjum u s-sular ta' fuq prattikament hu lest. Is-Sur Nazju Cassar qal illi l-ispejjeż tal-points tad-dawl kienu għoljin wisq (bħala prezz) fil-Binja tal-Kunsill u talab li ssir reviżjoni tagħhom. Is-SE qal li għal din l-offerta pubblika li l-evalwazzjoni tagħha inżammet fl-aqwa tal-Covid 19 u kienet waħda ġusta. L-evalwaturi li kienu 5 (eċċezzjoni għax is-soltu 3) bid-dritt tal-vot, Ċerpersin u Segretarju, staqsew diversi mistoqsijiet lill-bidders li tefgħu l-offerta. Dik ta' Cieffe kienet l-orħos waħda minn dawk li kienu *compliant* u l-KLR kien approvaha.

Intant, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi llum tela' l-ġeneratur fuq il-bejt u tpoġġa fuq żewġ travi fuq il-bejt l-eqreb lejn l-opramorta għaliex il-jib tal-krejn ma taħx biex jitfagħhom fuq il-bejt ta' fuq it-toilets fit-tieni sular.

75.10 **Talba għal kumpens minħabba inċident bil-vettura – Triq tal-Baħrija** Aċċident fuq vettura

Nhar it-28 ta' Marzu, allegatament vettura rifset ġebel fit-triq u ġralha l-ħsara. Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, staqsa lil min għamel it-talba x'ġebel hu li kien hemm u dan qed jallega li waqa' minn fuq ħajt tas-sejjieħ. Il-Kunsill dehrlu illi kieku waqa' minn fuq ħajt, kien jibqa' qrib il-ħajt, filwaqt li r-ritratti li ntwerew fuq l-iscreen mis-SE jixhdu illi dan il-ġebel kien f'nofs it-triq. Se nitkellmu mal-Avukat Sladden biex iħejji risposta professjonali.

75.11 **Talba mil-librerija pubblika biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jissupplixxihom bil-provista tal-ilma tax-xorb billi jieħdu minn fuq il-meter tal-Kunsill.** Provista tal-Ilma għal-librerija

Din it-talba ma kienetx trattata u se tkun posposta għal-laqgħa li jmiss.

75.12 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa damet sad-9.30pm u l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jiltaqa' nhar it-22 ta' Mejju 2024.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22 ta' Mejju 2024 minn Sandro Craus
Segretarju Ezekuttiv Sindku